

Ġestjoni ta' kuntatti ta' pazjenti b'MDR TB u XDR TB

Sommarju

L-isfida

It-tuberkulożi reżistenti għal bosta mediċini (MDR TB) u t-tuberkulożi reżistenti għal mediċini b'mod estensiv (XDR TB) saru periklu kbir għas-saħħa pubblika kif ukoll sfida iebesha għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-TB fl-Unjoni Ewropea u fiż-Żona Ekonomika Ewropea (UE/ŻEE). Hekk kif jiżdied in-numru ta' persuni morda b'MDR TB jew b'XDR TB, hekk ukoll jiżdied in-numru tal-kuntatti tagħhom – u huma preċiżament dawn il-kuntatti li jridu jiġu identifikati u kkontrollati kif xieraq. Il-ġestjoni tal-kuntatti ta' pazjenti b'MDR TB u XDR TB hija sfida partikolari peress li l-bażi ta' evidenza għall-aħjar prattiki hija ferm limitata.

Gwida dwar is-saħħa pubblika

Billi jippreżenta l-iktar evidenza xjentifika u opinjonijiet tal-esperti reċenti dwar is-suġġett, dan id-dokument jipprovdi gwida dwar kwistjonijiet rilevanti għall-ġestjoni ta' kuntatti ta' pazjenti b'MDR TB u XDR TB. L-udjenza fil-mira huma esperti fil-qasam tas-saħħa pubblika u dawk li jfasslu l-politiki fl-Istati Membri tal-UE/ŻEE li qegħdin jiżviluppaw linji gwida jew rakkomandazzjonijiet nazzjonali dwar il-ġestjoni ta' kuntatti ta' MDR TB u XDR TB.

Żewġ għażliet

F'TB suxxettibbli għall-mediċina, intwera li l-għoti ta' terapija preventiva lil individwi b'infazzjoni latenti tat-TB (LTBI) huwa effettiv fit-tnaqqis tar-riskju ta' żvilupp tal-marda tat-TB fost il-kuntatti infettati. Il-kunċett huwa validu wkoll għal MDR TB u XDR TB, iżda limitat minħabba n-nuqqas attwali ta' mediċini li wrew li huma effettivi kontra infazzjoni ta' MDR TB u XDR TB li juru profil aċċettabbli ta' avveniment avvers f'individwu li fil-bqija jkun b'saħħtu.

L-alternattiva għat-terapija preventiva hija li jiġi pprovdut tagħrif u segwitu flimkien ma' osservazzjoni klinika bir-reqqa tal-kuntatt identifikat meqjus li għandu LTBI. Dan jiżgura l-identifikazzjoni minn kmieni tas-sintomi tal-marda tat-TB sabiex tkun tista' tinbeda l-kura tat-TB fl-iktar mument kmieni possibbli jekk tiżviluppa l-marda.

Nuqqas ta' evidenza soda

L-evidenza għal terapija preventiva f'MDR TB u XDR TB hija ferm skarsa. L-istudji mwettqa dwar il-benefiċċji u l-avvenimenti avversi tat-terapija preventiva mhumx konklużivi. In-nuqqas ta' evidenza soda hija limitazzjoni meta tingħata gwida dwar is-suġġett u rakkomandazzjonijiet li jsiru huma primarjament ibbażati fuq opinjonijiet ta' esperti. Ta' min jisħaq li, peress li l-evidenza attwali la tiċħad u lanqas ma tappoġġja l-forniment ta' terapija preventiva bil-mediċini attwalment disponibbli, iż-żewġ alternattivi msemmija hawn fuq jibqgħu validi għall-infazzjonijiet MDR TB u XDR TB.

Opinjonijiet ta' esperti

Il-panil ta' esperti jesprimi appoġġ għaż-żewġ alternattivi differenti: terapija preventiva u/jew osservazzjoni klinika bir-reqqa. Il-prinċipju ċentrali li l-panil tal-esperti jsegwi fl-opinjonijiet tiegħu huwa li valutazzjoni tar-riskji komprensiva għandha tkun parti mill-evalwazzjoni tal-kuntatt ta' MDR TB jew XDR TB. Il-valutazzjoni tar-riskji individwali għandha tiegħu f'kunsiderazzjoni dan li ġej: ir-riskju tal-kuntatt ta' MDR TB li jġarrab progressjoni għall-marda tat-TB; il-mudell tas-suxxettibilità tal-mediċina tal-każ sors tal-infezzjoni; u r-riskju tal-kuntatt għal avvenimenti avversi mill-mediċina jekk tinbeda terapija preventiva. Fil-każ ta' XDR TB, ir-reġimi ta' mediċini possibbli disponibbli huma ferm limitati u mingħajr effikaċja ipprovata, u b'hekk aktarx li osservazzjoni mill-qrib hija l-unika għażla.

Konklużjoni

Il-ġestjoni ta' kunflitti ta' pazjenti b'MDR TB u XDR TB trid titmexxa minn valutazzjoni tar-riskji individwali komprensiva li tiegħu f'kunsiderazzjoni r-riskji u l-benefiċċji individwali meta tiżen il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tat-terapija preventiva.

Hemm bżonn urġenti ta' iktar riċerka, speċifikament f'żewġ oqsma: studji li jevalwaw il-benefiċċji tat-terapija preventiva f'kuntatti ta' MDR TB u XDR TB, u analiżi tal-iżvantaġġi u l-benefiċċji dwar l-implimentazzjoni tat-terapija preventiva fl-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE. Nirrikonoxxu li hemm studji għaddejnin li jidhru li jappoġġjaw l-użu tat-terapija preventiva, iżda dawn ir-riżultati jridu jiġu kkonfermati fi studji ikbar u f'kuntesti oħrajn. Barra minn hekk, jistgħu joħorġu mediċini oħrajn għall-kura tal-MDR TB, u dawn ikunu jeħtieġu aġġornament ta' dan id-dokument ta' gwida.